# Karlu Maratta (Pittur 1625 - 1713)

Kitba ta' Joseph A. Farrugia



■ Karlu (jew Carlo) Maratta twieled Ruma fis-sena 1625. Studja taħt Andrea Sacchi u waqt il-formazzjoni tiegħu artistika kien jammira lil Raffaello Sanzio. Dan il-fatt żdied l-aktar meta hu kien qed jirrestawra l-affreski likien għamel dan l-artist fil-Vatikan. L-arti ta' Carlo Maratta hi barokka, iżda fiha l-artist daħħal elementi qawwija ta' klassiċiżmu. Barra li kien pittur ta' ċertu livell, dan kien ukoll għalliem. Biż-żmien kiseb diversi xogħolijiet, fosthom, bħala superintendent tal-kmamar tal-Vatikan, kif ukoll tal-pittura tar-Re Franċiż - Luiġi XIV. Carlo Maratta miet fis-sena 1713.

Fil-Mużew ta' l-Arti fil-Belt Valletta, insibu kwadru sabiħ ta' dan il-pittur, li fih il-Madonna, il-Bambin u San Ġwann għadu tifel.

*Referenzi:*
*Antonio Espinosa Rodriguez, "Paintings at the National Museum of Fine Arts in Malta, Malta 1990*
*Antonio Espilanosa Rodriguez, "The provenance of the paintings on permanent display at the National Museum of Fine Arts", Proceedings of History Week 1983, Malta 1984.*
*"The National Museum of Fine Arts", Peter Mayo, Heritage Suppliment, "In-Nazzjon" 27 ta' Diċembru 1995, pg. 5, Artiklu ta' Jos. C. Camilleri.*

### *Il-Kwadru tal-Providenza*

■ Minbarra x-xogħol ta' Pietro Gagliardi, li pinġa l-kwadru titulari ta' l-Annunzjata fl-artal tal-kor, il-knisja tagħna hija mżejna bix-xogħol ta' pittur Taljan - Pietro Novelli (1603 - 1647). Il-kwadru wisq sabiħ tal-Madonna bil-Bambin tal-Providenza, li jinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali, juri l-ħila ta' dan il-pittur li kien pinġieh għall-Prinċipessa ta' Palermo, biex jitqiegħed fil-kappella tagħha fejn kienet iżżommu b'qima u b'għożża kbira.

Il-kittieb E.B. Vella (1932) jirrakonta storja ikkwotata ukoll mill-Kav. Rafel Bonnici Calì, marbuta ma' dan il-kwadru li tfakkarna fl-imblokk tal-Franċiżi u turina kif dan il-kwadru ta' P. Novelli, min Palermo sab ruħu f'Ħal Tarxien. Kien fl-1799, li l-Prinċipessa ta' San Katald għoġobha tirregala dan il-Kwadru lis-saċerdot - Dun Ġużepp Grech, viċi Kappillan ta' Ħal Tarxien ta' dak iż-żmien. Hu kien midħla tal-palazz għall-ħtiġijiet spiritwali. Kien mar Palermo biex bi flusu u bi flus il-Fondazzjoni Barbara jġib il-qamħ għat-Tarxiniżi li kienu qed ibatu l-ġuħ minħabba l-imblokk.

Huma u ġejjin, f'nofs ta' baħar resaq fuqhom xini Franċiż li ħa lil kulħadd bħala priġunier lejn it-Tuneżija. Kien hawn li Dun Ġużepp talab lill-Madonna tal-Lunzjata u għamel wegħda li jekk jinħelsu jagħti l-aktar ħaġa għażiża li kellu, il-Kwadru tal-Madonna, lill-Knisja tal-Parroċċa tiegħu.

Kien l-ewwel wieħed li nħeles u malli wasal f'Ħal Tarxien poġġa dan il-kwadru fuq l-Artal tal-kor taħt dak tal-Lunzjata.

Wara bosta żmien, meta tneħħew is-sotto-kwadri minn fuq l-artali (1936), ix-xbiha tal-Madonna ta' Pietro Novelli tneħħiet mill-kor u tqiegħdet fis-sagristija, fejn illum qiegħeda titgawda b'ammirazzjoni ta' min jaraha.

B'dan l-artiklu xtaqt nuri li Pietro Novelli hu l-pittur tal-kwadru tal-Madonna tal-Providenza, li jinsab fis-sagristija tal-knisja u mhux Karlu Maratta. Profs. Mario Buhagiar jikkonferma dan, kemm fil-ktieb "Hospitaller Malta" editjat minn Profs. V. Mallia Milanes 1993 p. 539, kif ukoll fil-ktieb "The iconography of the Maltese Islands", editjat minn Profs. Mario Buhagiar, 1987, pp 72, 75. Fil-ktieb "The works of Art in the churches of Malta" ta' Ġiuseppe Calleja, 1881, p. 112, insibu ukoll li dak il-kwadru huwa ta' Pietro Novelli.

*Għal paġna 93...*

B'dan ġie muri li fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien m'hemm l-ebda kwadru ta' Karlo Maratta.

*Referenzi:*
*Luljett Parrokkjali "Tarxien", għadd 61, Lulju - Awissu 1985 p. 8, 9*
*"Leħen il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien" Vol. 2, għadd Nru. 8, Ġunju - Lulju 1996*
*Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, ta' E.B. Vella, 1932, pp 208, 209*
*"Ħal Tarxien" ta' V. Battisitno 1993 p. 80, 82.*



*Il-Madonna tal-Providenza... Pittura ta' Pietro Novelli li sal-1936 kienet bħala sotto-kwadru fuq l-artal tal-Kor*

**Frangul**

Hall & Angie Hall

Opening from Monday
to Friday from 5.00pm - 7.00pm

**Tel: 21676106**
**Mob: 9949 8577**